MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2984/1996/1

**Pawlu u Deborah konjugi Baron**

**Vs**

**Thos. C. Smith Insurance services Ltd bhala agenti ta' Siat**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-esponenti huma propjetarji ta' 'craft" bl-isem "Phantom" kif ukoll magna "Mariner Outboard" 200 li kienu fil-post tas-soltu f'Wied il-Ghajn fil-21 ta' Awissu, 1995 pero l-esponenti indunaw li kienu neqsin l-ghada fit-22 ta' Awissu, 1995;

Premess illi l-atturi debitament rapportaw fit-22 ta' Awissu, 1995 l-Ghassa Haz-Zabbar li l-imsemmi craft u outboard motor 200 Mariner kienu neqsin u fil-fatt l-istat ta' fatt baqa' l-istess;

Premess illi l-imsemmi "craft" u "marine outboard" kienu koperti b'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta li maghha saret claim nru 001574/194/001 in segwitu ta' din is-serqa ;

Premess illi l-istess socjeta' konvenuta wara li sar il-*claim* mill-atturi qed tirrifjuta tottempera ruhha mal-kondizzjonijiet tal-polza debitament mahruga ghal dan l-iskop bir-rizultat li naqset li thallas l-ammont dovut lill-attur skond l-istess polza bhala konsegwenza ta' din is-serqa;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li s-serqa in kwistjoni hija koperta bil-polza tal-assikurazzjoni 001574/194/001 rilaxxata mis-socjeta' konvenuta assikuratrici kif intqal, liema polza giet debitament mahruga mill-istess socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' din is-serqa;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas dak l-ammont li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni proposta mill-atturi hi preskritta billi l-allegata telf sehh fit-22 ta' Awissu, 1995 u l-kawza giet presentata fil-15 ta' Ottubru 1996 u cioe' ghaddew iktar minn tnax il-xahar mid-data tal-allegata

akkadut sa meta inbdiet l-azzjoni u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ghaliex meta l-attur mela l-*proposal form* huwa taha informazzjoni hazina u ddikjara li ma kellux *claims* jew “*losses*” precedenti meta fil-fatt kellu u ghalhekk s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex thallas ghal allegati danni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur jrid jipprova li l-allegata serqa saret tassew u li l-valur allegat tal-oggetti huwa gust u korrett.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**PROVI**

L-attur xehed li hu kien sab il-*boat* tieghu, assikurata mal-konvenuti, nieqsa fil-21 ta’ Awissu, 1995. Kien ghamel rapport l-ghassa Haz Zabbar (Dok a fol. 42) u *claim* ma l-insurance izda dawn ma kienux hallsuh.

Rita Wirth, General Manager, mas-socjeta’ konvenuta, xehdet li l-attur kien ghamel *claim* maghhom. Kien ghamlu l-investigazzjoni taghhom u sabu li l-attur kellu kaz iehor ta’ serq qabel (*claim* fuq dghajsa ohra Dok a fol. 48) li ma kienx iddikjarah meta ghamel l-insurance (ara dok a fol. 50). Kienu nfuramaw lill attur li ma kienux ser jaccettaw il-*claim*. Huma kienu kitbulu fit-30 ta’ Jannar, 1996 (Dok fol. 61) u fit-2 ta’ Frar, 1996 ircevew minghand l-Avukat ta’ l-attur. Fil-15 ta’ Marzu, 1996 irrispondew. Il-korrispondenza baqghet sejra imbaghad saret il-kawza. Fil-15 ta’ Ottubru, 1996 l-attur kien ghamel il-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni proposta mill-atturi hi preskritta billi l-allegata telf sehh fit-22 ta' Awissu, 1995 u l-kawza giet presentata fil-15 ta' Ottubru 1996 u cioe' ghaddew iktar minn tnax il-xahar mid-data tal-allegata akkadut sa meta inbdiet l-azzjoni u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza.

Illi skond l-artikolu 8 tal polza ta' assikurazzjoni a fol. 58 a tergo "*In no case whatever shall the Company be liable for any loss or damage after the expiration of twelve months from the happening of the loss or damage unless the claim is the subject of pending legal or arbiration*".

Illi l-allegat serq sar bejn il-21 u 22 ta' Awissu 1995 u gie rappurtat fil-22 ta' Awissu meta l-attur induna bih. Sar rapport lill insurance fit-23 ta' Awissu. Il-konvenuti kien bdew l-investigazzjonijiet taghhom u l-attur gie infurmat li l-*claim* tieghu ma kinitx ser tigi accettata fit-30 ta' Jannar 1996. Kien biss f'dina d-data li l-attur gie infurmat li l-*claim* ma gietx accettata u l-Qorti hi tal-fehma li t-terminu ta' sena kellu jibda ghaddej minn dik id-data. Qabel dik id-data l-konvenuti ma kienux qed ighidu li mhux ser jaccettaw il-*claim* u l-partijiet kienu ghadhom fi trattativi. Ic-citazzjoni giet prezentata fil-15 ta' Ottubru, 1996 u ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha billi minn Jannar sa Ottubru ma kienux ghaddew it-tnax il-xahar.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti
u tiddifferixxi l-kawza ghal provi tal-partijiet fuq it-tieni eccezzjoni.
Spejjez ghall-konvenuti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------